- *Azzjoni biex l-atturi jiġu ddikjarati sidien ta' fond rustiku – hi azzjoni petitorja distinta mill-azzjoni rivendibatorja u mill-azzjoni pubbliċjara. Fl-azzjoni 'di meno accetamento:*
- *(1) ma tintalabx ir-restitazzjoni ta' fond u*
- *(2)ikun hemm xi xorta ta' turbazzjoni.*
- *(30 il-prova hija inqas rigoruza – bilanc ta' probabiltajoet, mhux prova diaboliba*

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 975 /2009 GM**

**Joseph Spiteri (ID608056M), Anthony Spiteri, Gina Caruana, Pauline sive Polly Grech, Lourdes Schembri ilkoll aħwa Spiteri; u Benedetta Azzopardi, Concetta Tonna, Angela Farrugia, Maria Assunta Dalli, Carmena Zahra, Anthony Briffa, u Rita Bugeja f'isimhom proprju; u kif wkoll Emanuel Briffa, f'ismu u ghan-nom ta' l-assenti Catherine Dalli, Joseph Briffa, u Tereza Camilleri ilkoll aħwa Briffa; u Raymond Grixti, Louis Grixti, u John Grixti, ilkoll aħwa Grixti;**
**vs**
**Antonio Ellul, f'ismu proprju u bħala eredi ta' ħuh Paolo Ellul, Emanuel Ellul, Catherina mart Joseph Mifsud, Frances mart Albino Zammit, aħwa Ellul, u Frances armla ta' Mario Ellul, orianne Ellul u Giovanna Zerafa.**

**Seduta tal-15 t'April 2019.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew illi:

1. l-esponenti huma s-sidien ta' porzjon art bi kmamar fiha, li ġġib in-numru hdax (11), Nigret Junction, iz-Zurrieq, imdawwra bil-kulur isfar fil-pjanta annessa bhala Dok. A, tal-kejl ta' ċirka sitt mija u disgħin metri kwadri (690 m.k).

2. il-konvenuti qegħdin jivvantaw pretensjonijiet fuq din l-istess art, u dana peress illi permezz ta' rikors quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba numru 21A/1994 prezentat fl-14 ta' Settembru 1994, allegaw illi huma sidien ta' l-istess, u li huma jikru din l-istess propjeta' lil ċertu John Spiteri, illum mejjet.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-porzjon art bi kmamar fiha, li ġġib in-numru hdax (11), Nigret Junction, iz-Zurrieq, imdawwra bil-kulur isfar fil-pjanta annessa bħala Dok. A, hija propjeta' esklussiva ta' l-atturi.
2. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti m'għandhom l-ebda titolu validu fil-liġi fuq l-istess art u kmamar.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, fejn eċċepew bir-rispett illi :-

1. qabel xejn Paolo Ellul indikat mil-atturi bħala konvenut, miet fis-6 ta' Marzu, 2004 u kwalunkwe interess tiegħu iddevolva interament favur il-werriet konvenut ħuh Antonio Ellul, skond testment fl-att tan-Nutar Joseph Henry Sciriha ricevut fit-22 ta' Frar, 2005.
2. L-proprjeta' indikata mill-atturi fir-Rikors Ġuramentat tappartjeni lill-eċċipjenti (eskluza Giovanna Zerafa) bħala proprjeta' li ippreveniet lilhom mill-wirt ta' missierhom Luqa Ellul, li miet fil-11 ta' Diċembru 1981.
3. l-proċeduri promossi mill-istess konvenuti eċċipjenti, kontra John Spiteri, (li miet f'Mejju 1998) quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba, Rikors numru 21A/1994, ġew ġustament istitwiti minhhom bhala sidien veri u proprji, sabiex minħabba nuqqasijiet tiegħu taħt il-kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, jippretendi lura il-pussess tal-imsemmi fond min idejn l-imsemmi inkwilin John Sp0iteri missier l-atturi il-ħames aħwa Spiteri, li dejjem ikkonoxxa lill-awtur tal-konvenuti ċioe' Luqa Ellul bħala is-sid bil-ħlasijiet tal-kera li kien jgħaddielu u kif jirrizulta wkoll minn atti oħra ta' l-istess kawza.
4. stante il-proċeduri pendenti quddiem il-bord, l-atturi attwalment għandhom biss titolu ta' kera u xejn aktar.
5. l-konvenuta Giovanna Zerafa ma għandha ebda parentela mal-konvenuti sidien aħwa Ellul u jekk stess hija werrieta tad-defunta Giovanna Briffa, bħal l-atturi l-oħra ma għandha assolutament ebda drittijiet proprjetarji fuq il-fond *de quo* proprjeta' tal-konvenuti eċċipjenti.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Rat id-dokumenti, esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**<u>Il-fatti:</u>**

Ikkunsidrat:

Illi kif jirriżulta mill-atti, il-ġrajjiet relatati ma' dan il-każ jidher li żvolġew kif ġej:

(i) Skont il-konvenut Antonio Ellul l-art in kwistjoni kienet proprjeta` ta' nanntu Pawla Ellul li mietet fit-13 ta' Marzu 1942[1] meta ntlaqtet minn bomba fil-gwerra[2]. Żewġha Franġisk sa mill-inqas mill-1953 kien jirċievi l-qbiela ta' din l-art mingħand Ġużeppa Briffa, nannet l-atturi.[3] Eventwalment, Gużeppa bdiet tħallas il-qbiela lil Luqa, bin Pawla Ellul. Dan jirriżulta mhux biss mix-xhieda tal-konvenut Antonio Ellul[4] imma wkoll minn Francis Briffa, miżżewweġ lil bint Gużeppa, li xehed[5] li "xi erbgħin sena ilu naf li kien jiġi n-nannu tal-atturi[6] għand il-kunjata Ġużeppa Briffa u din kienet tagħtih għaxar soldi ta' dina l-għalqa". Kien biss lil Luqa li Ġużeppa kienet tħallas il-qbiela.[7] Kemm skont il-konvenut Antonio Ellul

[1] Fol 190
[2] Fol 52
[3] fol 50
[4] fol 51,52, 59
[5] fol 160 seduta tal-15.11.1993 Qorti tal-Maġistrati(Malta) f'kawża li ġiet ċeduta
[6] ċjoe` l-konvenuti f'din il-kawża
[7] fol 50 xhieda tal-konvenut Antonio Ellul

kif ukoll John Spiteri nnifsu [8] billi "il-kunjata tiegħi" (Ġużeppa Briffa)"kienet tħallas lilu u lill-familja tiegħu u aħna bqajna nagħmlu l-istess. Jien ħallast biss lil Luqa Ellul. Ma kont inħallas lil ħadd iktar". Anke Pauline Grech, bint John Spiteri, xehdet li "kien jiġi ċertu Ellul biex jiġbor il-kera u kien jiġi darba kultant. Kienet ittiħ tmintax irbiegħi jew ġiex xelini u imbagħad tgħidlu meta jerġa' jmissna, jerġa' jiġi."[9]"Jiena lil dan Ellul biss niftakar li kien jiġi biex jiġbor il-kera. Ma niftakar lil ħadd iktar".[10] Band'oħra speċifikat li "ċertu Ellul... Luqa għandu jkun kien jismu"[11];

(ii) Sa minn qabel mietet fil-1979, ir-raġel ta' bintha Maria Assunta kompla hu jħallas il-qbiela lil Luqa sal-1973. Antonio twieled fil-1951. Jgħid li nanntu tatha lil missieru Luqa waqt ħajjitha. Luqa qasam ma' ħutu bil-fomm u l-għalqa baqgħet tiegħu, soġġetta għall-qbiela;

(iii) Li l-aħħar li tħallas il-kera kien fil-1973 jikkonfermah John Spiteri nnifsu[12] li jgħid li wara l-1973 qatt ma ħallas lil ħadd. Meta waqaf iħallas, Luqa bgħatlu ittra bl-avukat u John mar jgħidlu li l-ewwel ried ikun jaf lil min suppost iħallas.[13] John Spiteri jgħid li għamel ir-riċerki biex jara ta' min kienet l-art, iżda ma sab xejn u li kien għalhekk li waqaf iħallas lil Luqa filwaqt li baqa' jgawdiha[14], u, wara li miet Luqa fil-1981, baqa' fiha bil-prinċipju l "min kellu xi interess f'dina l-għalqa jiġi jfittixni"[15]. Xehed li "jiena l-għalqa m'għandix x'nambiha iktar u ma rridhiex u ma rridx ikolli

[8] fol 58, 151, 152
[9] fol 155
[10] fol 156
[11] fol 173
[12] fol 159
[13] fol 56 u fol 150
[14] fol 151
[15] fol 152

aktar x'naqsam magħha… dina l-għalqa ma tinteressani xejn". [16] Ibnu Anthony Spiteri li wkoll kien jaħdimha xehed li "ma nistax ngħid ta' min hi l-għalqa; tiegħi ma hijiex". Pauline Grech, bint John Spiteri stqarret li "m'inix f'pożizzjoni li ninforma lill-Qorti x'tip ta' titolu din il-ġardina kienet għand il-familja"[17];

(iv) Skont notament tan-Nutar Philip Saliba tad-09.04.1977, kiteb lil John Spiteri li l-qbiela ma kinitx sejra tiġġedded wara Santa Marija u li kellu 3 snin arretrati.[18] B'ittra uffiċjali tas-26.06.1979 ġie mitlub jiżgombra mill-għalqa,[19] anke għax ħalla l-għalqa żdingata[20].

(v) B'kuntratt tal-14.10.1976[21] Luqa biegħ l-art lir-raġel ta' bintu Albino Zammit, bid-dritt tal-irkupru, u fil-fatt irkupraha fis-16.01.1977[22]. Bil-mewt ta' Luqa fil-11.12.1981[23] il-proprjeta` tal-art għaddiet għand is-sebat uliedu. L-art ġiet iddenunzjata fil-1983[24] -wara l-mewt ta' Luqa – kif ukoll meta mietu wliedu Nazzareno (13.03.1990), Mario (11.12.1990) u Paul (06.03.2004)[25].

(vi) Fit-22 ta' Settembru 1994 l-attriċi Angela Farrugia u ħutha għamlu dikjarazzjoni causa mortis ta' missierhom Carmelo Briffa li miet fil-

---

[16] fol 151 u 152
[17] fol 155

[18] fol 199, Dok ZF
[19] fol 200
[20] fol 164 xhieda ta' Antonio Vella
[21] fol 190
[22] fol 197-198
[23] fol 202
[24] fol 202 fuq wara
[25] fol 209 fuq wara, fol 212 bi pjanta a fol 213, u fol 215 fuq wara, isfel

05.08.1994 u li jiġi wieħed minn ulied Ġużeppa Briffa; f'liema dikjarazzjoni hemm riferenza għal kwart indiviż tal-art in kwistjoni.

(vii) Fl-14 ta' Settembru 1994 il-konvenuti intavolaw rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera li fiha, meta din kienet differita għas-sentenza wara 14-il sena (ċirka 2008) , ulied l-intimat John Spiteri bdew jallegaw li huma sidien tal-art u in sostenn esebew dikjarazzjoni *causa mortis*[26] magħmula mill-kuġini tagħhom il-ko-atturi aħwa Briffa, ta' missierhom Carmelo Briffa. In vista ta' din l-allegazzjoni, il-Bord issoprassjeda biex jistenna l-eżitu ta' din il-kawża[27];

**Punti legali**

Illi m'hemmx dubbju li l-azzjoni miġjuba 'l quddiem permezz ta' din il-kawża hija waħda petitorja. B'danakollu la hija azzjoni ta' rivendika u lanqas pubbliċjana, għax dawn it-tnejn jippresupponu l-ispussessar tas-sid mill-ġid tiegħu. Din hija "*azione di mero accertamento*". Ingħad li din it-tip t'azzjoni "*presuppone che taluno neghi o contesti solamente il diritto del proprietario senza che questi se ne sia spossessato, e di conseguenza tende a far accertare l' appartenenza del diritto al titolare*"[28];

Fir-rigward ta' l-azzjoni dikjaratorja għall-aċċertament tat-titolu tal-propjeta', issir referenza ghas-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-**

[26] fol 22 sa 26
[27] Antonio Ellul v John Spiteri Rik.Nru. 21/94
[28] "Kif spjegat fid-deċizjoni a Vol. XLI P I p 171, fuq l-awtorita` tal-Professur Walter D'Avanzo ("Istituzioni di Diritto Civile", p. 204),

**sentenza fl-ismijiet Mary Grech et vs Paul u Ludgarda konjugi Azzopardi et mogħtija fl-20 ta' April 2006**:

"Kif spjegat fid-decizjoni a **Vol. XLI.i.171**, fuq l-awtorita` tal-Professur Walter D'Avanzo ("**Istituzioni di Diritto Civile**", p. 204), [l-"*azione di mero accertamento*"] "*presuppone che taluno neghi o contesti solamente il diritto del proprietario senza che questi se ne sia spossessato, e di conseguenza tende a far accertare l' appartenenza del diritto al titolare". F' azzjoni bhal din l-incertezza tikkostitwixxi l-presuppost ta' l-interess guridiku f'min jagixxi. Tiddifferenzja ruhha mir-reivendikatorja in kwantu fiha ma tintalabx ir-restituzzjoni tal-haga kkontestata. L-azzjoni, imbaghad, tista' tintalab kemm minn dak li ghandu l-pussess tal-haga, kemm minn dak li ma huwiex pussessur*."

Dwar din l-azioni **G. Pescatore u C.Ruperto** ghandhom dan xi ghidu:

*" Al pari della rivendica , anche per il mero accertamento della propieta' , bisgona che l'attore provi la sussistenza della propieta' del bene in questione da parte sua , il che costituisce il presupposto fondmaentale dell'azione , la quale pur non , come la rivendica avendo , funzione restitutoria , e tutta via pur sempre diretta alla dichiarazione ed al riconoscimento del diritto di propieta' nell'attore medesimo."* **( Codice Civile Annotato . Giuffre'. Ed. 1978. Pg 733 );**

Illi hemm element iehor ghall-ezercizzju ta' din l-azzjoni, apparti li l-propjeta' tkun fil-pussess ta' min qieghed jipprova jottjeni id-dikjarazzjoni, irid ikun hemm xi xorta ta'turbazzjoni. Di fatti **Vittorio De Marturio** ghid

hekk : " ....*Configura conseguentemente azione di accertamento e non di rivendica la domanda con la quale il propietario denunci una turbativa nel godimento del bene rimasto in suo possesso..."* **( Codice Civile . Jandi Sapi Editore. Ed. 1979 pg 103. )** Dan it-taghlim huwa ukoll konformi mat-taghlim ta' Walter D'Avanzo fis-Sentenza suċitata;

Illi skont **Torrente-Schesinger**, din l-azzjoni "*e` dalla giurisprudenza riconosciuta a chi… ha interesse (ad es., perche` altri glielo contesta) ad una pronuncia giudiziale che affermi, con l'efficacia del giudicato, il suo diritto di proprieta` su un determinate bene: l'azione e` rivolta non gia`- come invece la rivendicatio – a ricuperare la cosa (che, magari, e` gia' nel possesso dell'attore) ma semplicemente a rimuovere la situazione di incertezza venutasi a creare in ordine alla proprieta` di essa*"[29];

Illi din it-tip t'azzjoni ġiet rikonoxxuta wkoll minn xi sentenzi tal-Qrati tagħna. Hekk fi kliem din il-Qorti, diversament ippreseduta:

"F'azzjoni bhal din l-incertezza tikkostitwixxi l-presuppost ta' l-interess guridiku f'min jagixxi. Tiddifferenzja ruhha mir-reivendikatorja in kwantu fiha ma tintalabx ir-restituzzjoni tal-ħaġa kkontestata. L-azzjoni, imbaghad, tista' tintalab kemm minn dak li ghandu l-pussess tal-ħaġa, kemm minn dak li ma huwiex pussessur"[30];

"Għal dak li hu oneru ta' prova jinsab ritenut mill-Qorti ta' Kassazzjoni, 4 ta' Dicembru 1997, numru 12300, illi '*l' attore che propone un' azione di accertamento della proprieta` e abbia il possesso della cosa oggetto del preteso diritto è esonerato dall' onere della prova, richiesta per la*

[29] Andrea Torrente & Piero Schlesinger, Manuale di Diritto Privato, 2007, 18a ed. Paġna 273
[30] Mary Grech v Rita Cutajar 13.10.2017 Prim'Awla, per Onor. Imħallef Toni Abela

*rivendicazione, dei vari trasferimenti della proprieta` sino alle copertura del tempo sufficiente ad usucapire. Tuttavia, tale minor rigore rispetto all' azione di rivendicazione non* esonera l'attore dall'onere di allegare e provare il titolo del proprio acquisto';

"F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Michael Sultana et vs Joseph Gafa`** et datata 12 ta' Gunju 2008 fejn il-Qorti tal-Magistrati Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri) abbraċjat l-istess prinċipji enunċjati fis-sentenza ċitata min din il-Qorti. Kwantu għall-grad u mezz tal-prova rikjesta mill-partijiet, l-istess Qorti tal-Maġistrati ċċitat li "*in difetto di un titolo l'attore è ammesso a provare il suo dominio con qualunque altro mezzo permesso dalla legge*" (Appell **Attard vs Fenech** deciza fit-28 ta' April 1875, Vol. VII.390; Prim'Awla tal-Qorti Civili **Mifsud vs Gauci**, 18 ta' Jannar 1936, Vol. XXIX.ii.893)";

"Fil-kaz tal-azzjoni ta' accertament, l-oneru tal-prova dejjem jibqa' fuq l-attur , il-kwistjoni li titqanqal f'dan l-istadju hi , x'ghandu jkun il-grad ta' prova. Jidher li hemm qbil, li l-grad ta' prova fir-rigward ta' din l-azzjoni *"...ma hux wiehed iebes u rigoruz daqs kemm huwa mistenni fl-azzjoni ta' rivendika."* ( ara **Sentenza fl-ismijiet Antonio Pace pro et -vs- Reverendu Henry Abela O.P nomine Tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Settembru 2011** . ) Dan it-taghlim gurisprudenzjali jidher li huwa wkoll konformi ma' dak li jghidu l-awturi fuq dan l-aspett ta' din il-problematika legali. Di fatti **Pesactore u Ruperto ghidu** hekk : " *Non solo nell'azione di rivendicazione ma anche in quella di accertamento della propieta' , l'onore della prova incombe all'attore . E se nella seconda il rigore della prova e attenuato, , nondimeno questa non puo' essere fornita' soltanto in base alle risultanze dei libri e dei registri catastali, le quali possono dar luogo, solo*

*ad indizi e presunzioni semplici."* Jaghmlu ukoll referenza ghal **Sentenza tal-Corte di Cassazzione tas-17 ta' Mejju 1967** .

"Ladarba l-azzjoni tallum m'hijiex dik reivindicatoria fejn huwa pacifiku li tapplika l-prova diabolika li tispetta lill-attur, **il-kwalita' tal-prova tibqa' dak tal-bilanċ ta' probabilitajiet** u fil-kawża odjerna jispetta kemm lill-atturi u, f'dan il-każ, anke llil-konvenuta rikonvenjenti li jġibu tali prova (ara **Emanuel Micallef et vs Carmelo Farrugia** et, 24 ta' Ottubru 2011, Prim'Awla tal- Qorti Civili). Galadarba si tratta tal-azzjoni ta' aċċertament ta' titolu u mhux dik tar-*rei vendikatoria*, il-konvenuta mhux mistennija li tieħu atteġġjament passiv u supin, iżda trid tagħmel l-isforzi probatorji tagħha fil-kompetizzjoni tat-titolu"[31] (sottolinear miżjud minn din il-Qorti);

Dwar ix-xorta ta' din l-azzjoni u dwar il-konsegwenzjali livell u piż tal-prova, ikkumentat ukoll din il-Qorti, diversament ippreseduta, in re: **Micallef v Farrugia** suċċitata[32]:

"Fuq l-iskorta tal-premessi u tat-talbiet, izda fuq kollox abbazi tas-sostanza tal-provi li ressqu, it-talba prinċipali tal-atturi, għalkemm ta` natura **petitorja**, ċertament **mhijiex** l-*actio reivendicatoria.*

"Fis-sentenza tagħha tal-14 ta` Dicembru 1951 fil-kawża **Copperstone vs Grech et**, din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imħallef Joseph Caruana Colombo identifikat ir-rekwiżiti tal-*actio reivendicatoria* –

*'L-estremi ta` l-azzjoni rivendikatorja huma : 1) li l-attur rivendikant*

[31] Mary Grech v Rita Cutajar 13.10.2017 Prim'Awla, per Onor. Imħallef Toni Abela
[32] Emanuel Micallef v Carmelo Farrugia 24.10.2011 Prim'Awla, per Onor. Imħallef J. Zammit McKeon li fiha l-atturi sostnew li kellhom jedd abbazi tal-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali li jikkontestaw it-titolu registrat favur il-konjugi Demicoli

*jipprova li ghandu d-dominju fuq il-ħaġa li huwa jrid jirrivendika u li kien akkwista dak id-dominju legittimament ; 2) li l-konvenut ikun jippossjedi l-ħaġa'.*

"Fil-kawża tallum, **apparti** t-titolu skond l-att tal-akkwist tagħhom, l-atturi qegħdin javvanzaw il-pretensjoni li huma **jippossjedu** l-art in kwistjoni anke bil-preskrizzjoni akkwiżittiva tat-tletin (30) sena.

"Għalhekk propju għaliex dik tallum **mhijiex** l-*actio reivindicatoria*, fejn huwa paċifiku li tapplika l-prova *diabolika* li tispetta lill-attur, fil-kawża tal-lum, il-piż tal-prova, għalkemm jibqa` jispetta lill-atturi, jibqa` dak tal-**bilanċ ta` probabilitajiet**.

"Għalhekk meta f`kawża ta` din ix-xorta ġudikant jiġi biex iqis il-kumpless tal-provi li jitressqu għall-konsiderazzjoni u ġudizzju tiegħu, il-kriterju rilevanti mhuwiex jekk assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-ħajja* (**Borg vs Bartolo** – Appell Inferjuri – 25 ta` Gunju 1980). Hekk meqjusa dawk il-provi, il-grad rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel **ċertezza morali** fil-moħħ tal-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi fuq bilanċ ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; **Borg vs Manager ta` l-Intrapriza tal-Ħalib** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **Vassallo vs Pace** – Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

"Fil-kuntest ta` *actio reivindictoria* il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-28 ta` April 2000 fil-kawża **Chircop et vs Micallef et** ghamlet osservazzjonijiet li din il-Qorti tghid li jgħoddu *mutatis mutandis* fil-każ

tallum. Sostniet hekk –

*Il-prova tal-propjeta` tista` ssir jew bl-esebizzjoni tat- titolu ta` l-akkwist jew bl-istess preskrizzjoni akkwizittiva jew bi kwalunkwe mezz iehor permess mil-ligi. L-istess awtur Laurent, wara li jitkellem fuq il-prova li tigi mit-titolu ta` l-akkwist, ighid : "Colui che rivendica puro` altresi invocare la prescrizione". Dak l-awtur ifakkar fid-dubju ta` xi awturi fuq dan il-mezz ta` preskrizzjoni, dubju li hu bażat fuq ir-rifless li una volta l-użukapjoni tippresupponi l-pussess tar-rivendikant u una volta l-azzjoni rivendikatorja għall-kuntrarju tippresupponi l-pussess mhux fir-rivendikant imma fil-konvenut, per konsegwenza tidher ħaġa kontradittorja illi r-rivendikant li ma ghandux il- pussess, jista` jinvoka l-preskrizzjoni bhala prova tad-dominju tieghu. Dan id-dubju huwa pero` aktar apparenti milli reali ... Il-gurisprudenza tagħna segwiet dawn il-prinċipji u fil-kawża* ***Attard vs Fenech*** *maqtugha mill- Qorti ta` l-Appell fit-28 ta` April 1875 (Vol.VII.390) jinsab dikjarat illi : "in difetto di un titolo scritto, l`attore e` ammesso a provare il suo dominio, con qualunque altro mezzo permesso dalla legge (Vol.XXIX.II.488)…*

"Fis-sentenza tagħha tat-13 ta` Marzu 1953 fil-kawża **Caruana et vs Vella** (Vol.XXXVII.i.105) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*Illi pero` kif intqal għall-effacija tagħha bhala akkwizittiva, din il-preskrizzjoni tippresupponi l-pussess legittimu li trid il-ligi ghaz-zmien kollu tat-trentennju. Hu maghruf illi l-elementi tal-pussess civili huma tnejn, dak materjali, il-poter ta` fatt fuq il-ħaġa, u l-iehor intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-ħaġa bhallikieku hu kien il-propjetarju tagħha – animus et corpus ; corpus possessionis et animus possidendi vel*

*animus domini. Għalhekk mhux pussess civili dak li jonqos fih wiehed jew l-iehor minn dawn iz-zewg elementi b`mod li mhijiex bizzejjed id-detenzjoni tal-ħaġa jew it- tgawdija tagħha mhux bhala ħaġa proprija imma bhala ħaġa ta` haddiehor ghax allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja ... Hu elementari li lil min jallega l- preskrizzjoni trentennali ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta` titolu jew ta` bona fede ... Dan il-pussess b`ligi ghandu jkun kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku*";

Ikkunsidrat:

**<u>Applikazzjoni tal-prinċipji suesposti għall-fatti</u>**

Illi fir-rikors promotur l-atturi ma jsemmux x'kien it-titlu li fuqu kienu qegħdin jibbażaw it-talba tagħhom. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-atturi stqarrew li dan it-titlu kien l-użukapjoni kemm tagħhom kif ukoll tal-antenati tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti jsostnu li l-għalqa ġiet għandhom b'wirt mingħand l-antenati tagħhom. Ħadd mill-kontendenti ma jipproduċi kuntratti, la onerużi u lanqas gratuwiti; lanqas ta' diviżjoni. F'dan is-sens, jista' jingħad li l-miżien bejniethom qiegħed ibbilanċjat – għalkemm ixaqleb lejn l-atturi għax dawn għandhom ukoll il-pussess (materjali). B'danakollu, m'hemmx provi – li jridu jkuu ċari u inekwivoċi – li dan il-pussess kien *animo domini.* L-atturi jsostnu li fi kwalunkwe każ, ma kinux iħallsu l-qbiela għalkemm kienu jużaw ir-raba u li qiesu lilhom infushom bħala sidien. Fil-fehma tal-Qorti, iżda, din mhix prova tajba biżżejjed tal-*animo domini* tad-*decujus.* Mhux biżżejjed li tuża' ħaġa bla ma tħallas il-kera jew korrispettiv tagħha għaż-żmien rilevanti; trid ukoll

timmanifesta atti esterni biex turi li int tikkunsidra lilek innifsek bħala sid esklussiv tagħha. Isemmu wkoll id-Dikjarazzjoni Causa Mortis in segwitu tal-mewt ta' Carmelo Briffa. Barra minn hekk il-Qorti tinnota li din id-Dikjarazzjoni Causa Mortis saret ftit tal-ġranet wara li ġie ppreżentat rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza billi beda jiġi allegat li l-atturi kienu sidien tal-raba – ħaġa li wieħed kien jistenna li ssir fil-bidu tal-kawża quddiem il-Bord, u mhux waqt l-agonija tagħha erbatax-il sena wara. La l-atturi u lanqas l-awturi tagħhom fit-titlu ma rreġistraw l-għalqa mad-Dipartiment tal-Agrikoltura; anzi kien Luqa Briffa, awtur tal-konvenuti, li għamel dan. Din qajla hi ndikazzjoni li kienu jikkunsidraw ruħhom sidien tal-għalqa. Illi apparti l-familja Briffa, ħadd mill-atturi l-oħrajn – ulied John Spiteri u ulied Katerina xebba Briffa – ma ppreżentaw denunzja jew dikjarazzjoni causa mortis tal-ġenituri tagħhom. Ġie esibit testament ta' Katerina (28.03.2002) [33] li għalkemm isemmi diversi legali ta' immobbli, ma jsemmi xejn dwar ir-raba in kwistjoni;

Illi kienu biss 2 minn 19-il attur - Angela Farrugia (bint Carmelo Briffa)[34] u Joseph Spiteri (iben John Spiteri)[35] li allegaw li kienu jqisu l-art tagħhom. Dan għamluh bla ma sostnew bi provi ċari u mhux ekwivoċi li tul iż-żmien wrew b'atti esterni dan l-allegat ħsieb tagħhom. Huwa iktar diffiċli għall-Qorti li temmen lil Joseph Spiteri, tenut kont li missieru kien iħallas il-kera u, meta waqaf iħallasha, xorta waħda ma bediex iqis li l-għalqa hija tiegħu[36];

[33] fol 28, 29
[34] fol 19
[35] fol 31

Illi pero` dak li fil-fehma tal-Qorti huwa determinanti biex il-miżien jegħleb ċomb favur il-konvenuti huwa l-ħlas tal-kera li kien isir mill-antenati tal-atturi. Dan ifisser li kienu qegħdin jiddetjenu r-raba' b'titlu ta' kera, mhux ta' sid. L-atturi jafuh sewwa dan, u għalhekk jiddefendu ruħhom billi jsostnu li riċevuti tal-qbiela fil-pussess ta' min suppost ħariġhom (is-sid) m'humiex prova tal-qbiela. B'danakollu, irriżulta lill-Qorti li saħansitra John Spiteri, missier l-atturi aħwa Spiteri, kien stqarr li kien iħallas il-qbiela u dan kif ammess anke minn uħud mill-atturi nfushom, kif fuq spjegat. Saħansitra anke wara li l-kera ma baqax jitħallas, John Spiteri u anke ibnu li ħadem ir-raba warajh stqarru ċar u tond li filwaqt li ma kinux jafu r-raba ta' min kien, kienu jafu li mhux tagħhom. Il-ħlas tal-kera jfisser ukoll li almenu sakemm baqgħu iħallsuh, l-atturi stess kienu jagħrfu lill-konvenuti jew lill-antenati tagħhom bħala sidien tar-raba. Kollox ma' kollox ma jissussistux l-elementi tal-użukapjoni;

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż a kariku tal-istess atturi.

Onor. Imħallef
Grazio Mercieca